IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2013
COM(2013) 293 final

2013/0152 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti barra l-Unjoni Ewropea.

{SWD(2013) 178 final}
{SWD(2013) 179 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Unjoni Ewropea tipprovdi garanzija baġitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) li tkopri r-riskji ta' natura sovrana u politika b'rabta mal-operazzjonijiet ta' finanzjament tagħha mwettqa barra mill-Unjoni bħala appoġġ għall-għanijiet tal-politika esterna tal-Unjoni. Il-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet esterni tal-BEI hija mezz effettiv li jorbot flimkien il-fondi baġitarji tal-UE, permezz tal-forniment tal-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni, mar-riżorsi proprji tal-BEI. Barra minn hekk, il-BEI jiffinanzja operazzjonijiet tal-grad ta' investiment barra l-Unjoni bir-riskju proprju tagħha, kif ukoll attivitajiet taħt mandati speċifiċi bħal f'pajjiżi tal-AKP.

Il-ħtieġa għal garanzija tal-baġit tal-UE għall-operazzjonijiet esterni tal-BEI tinbet mill-obbligu tal-bank skont l-Istatut tiegħu li jiżgura sigurtà adegwata għall-operazzjonijiet ta' self kollha tiegħu u, f'sens aktar wiesa', mill-ħtieġa li titħares l-affidabbiltà finanzjarja tal-BEI u ma jiġix kompromess il-kompitu tiegħu li jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp kontinwu tal-Istati Membri tal-UE. Il-garanzija tal-UE kienet l-istrument ewlieni biex tiġi żgurata l-kompatibilità bejn l-istruttura finanzjarja tal-BEI, li tiġi sinifikantement aktar influwenzata minn Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra (IFIs), u r-riskju inerenti ferm ogħla ta' self lil pajjiżi terzi b'kunsiderazzjoni tal-bżonn illi jiġi evitat deterjorament fil-klassifikazzjoni AAA tal-Bank filwaqt li jiġi limitat il-konsum tal-kapital tal-BEI. Filwaqt li ż-żieda kapitali li ġiet approvata dan l-aħħar tippermetti li s-self mill-BEI jiżdied fi ħdan l-UE, l-attività esterna tal-BEI ma għandhiex tiġi affettwata.

L-ambitu kumplessiv u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-kopertura tal-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet esterni tal-BEI huma stipulati fid-Deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-aktar deċiżjoni riċenti li tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI barra l-Unjoni matul il-perjodu li jibda fl-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013, ġiet stabbilita permezz tad-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 [1] (id-"Deċiżjoni attwali"). L-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni attwali jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-istabbiliment tal-garanzija tal-UE skont il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

F'dan il-kuntest, il-Premessa 40 tad-Deċiżjoni attwali tipprevedi rekwiżiti speċifiċi: "Meta tippreżenta l-proposta dwar il-garanzija tal-UE lill-BEI għal proġetti mwettqa barra mill-Unjoni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna b'mod partikolari biex teżamina, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEI u waqt li tieħu kont tal-implikazzjonijiet tal-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija, l-ammonti massimi koperti mill-garanzija tal-UE, il-lista tal-pajjiżi eliġibbli u il-possibbiltà li l-BEI jipprovdi finanzjament tal-mikrokreditu u tipi oħra ta' strumenti. Il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jeżaminaw ukoll il-possibbiltajiet li jsaħħu s-sinerġija bejn l-iffinanzjar permezz tal-IPA, l-ENPI, id-DCI u l-EIDHR u l-Istrument għall-Istabbilità u l-mandat estern ġejjieni tal-BEI.

Id-deċiżjoni l-ġdida proposta se tkopri l-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet tal-BEI ta' finanzjament estern matul il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2014 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

---

[1] Id-Deċiżjoni li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt (VI)[2] li hija mehmuża ma' din il-proposta. Ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika li ġejjin:

- L-ebda garanzija tal-baġit tal-UE ma ġiet estiża għal xi operazzjonijiet ġodda tal-BEI barra l-Unjoni (l-għażla 0).
- Xenarju ta' referenza mingħajr ebda bidla fil-garanzija eżistenti tal-UE li jibqa' applikabbli fil-mandat li jmiss, jiġifieri sal-31/12/2020 (għażla nru 1).
- L-adattament tal-istruttura attwali tal-mandat eżistenti b'taħlita ta' emendi li jirrispondu għall-kuntest il-ġdid ta' politika. Ġew definiti tliet għażliet sekondarji:
  - Għażla subordinata nru 2.1 (QRIB) temenda l-ambitu ġeografiku tal-mandat sabiex il-garanzija tal-UE tkun iffukata fuq l-eqreb reġjuni ġirien tal-Unjoni billi jiġu esklużi l-Asja, l-Amerika Latina u l-Afrika t'isfel mill-ambitu ġeografiku, tiġi estiża l-garanzija għal kull tip ta' operazzjonijiet tal-mikrofinanzjament, jitkabbar b'mod sostanzjali l-pakkett iddedikat għat-tibdil fil-klima, u jiġu abbozzati dokumenti ta' strateġija nazzjonali annwali.
  - Għażla subordinata nru 2.2 (MIKRO) iż-żamma tal-ambitu ġeografiku attwali, il-ħolqien ta' mandat ta' mikrofinanzjament li jkun igawdi minn garanzija komprensiva tal-UE, l-introduzzjoni ta' miri għall-finanzjament b'rabta mat-tibdil fil-klima f'pakketti reġjonali, u l-aġġornament ta' linji gwida operattivi tekniċi reġjonali skont l-ipprogrammar indikattiv multiannwali ta' strumenti finanzjarji esterni tal-UE.
  - Għażla subordinata nru 2.3 (FOKUS) tiffoka l-mandat fuq benefiċjarji b'inqas affidabbiltà kreditizja, operazzjonijiet mikrofinanzjarji li jibqgħu ma jkunux espliċitament eliġibbli, l-introduzzjoni ta' mira kumplessiva ta' sottoskrizzjonijiet akkumpanjata bl-introduzzjoni ta' sistema ta' traċċar li tippermetti l-monitoraġġ ta' tnaqqis fl-emissjonijiet assoluti u relattivi tal-gassijiet serra fil-proġetti kollha tal-BEI appoġġati fil-mandat, u taġġorna l-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali skont l-ipprogrammar indikattiv multiannwali ta' strumenti finanzjarji esterni tal-UE.
- Tipprovdi l-garanzija lil Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej oħra li huma eliġibbli fid-diversi faċilitajiet ta' taħlit (għażla nru 3).

L-impatti ewlenin li ġejjin ġew rikonoxxuti:

L-għażla nru 0 twassal għall-irtirar tal-BEI minn għadd ta' pajjiżi u żieda fl-ispejjeż tal-finanzjament għal proġetti ta' investiment li jinsabu f'dawn il-pajjiżi. Politikament, dan mhux mixtieq speċjalment fil-kuntest tal-kriżi ekonomika globali li tenfasizza l-bżonnijiet sinifikanti ta' investiment. Jidher li huwa essenzjali li jibqa' jinżamm fluss ta' investiment adegwat lejn il-pajjiżi barra l-Unjoni.

L-għażla nru 1 mhux se tkun qed tirrispondi għall-kuntest il-ġdid ta' politika.

Ġie rikonoxxut li l-għażla subordinata nru 2.3 (FOKUS) iġġib magħha aktar impatti pożittivi u kklassifikat aħjar miż-żewġ għażliet sussidjarji l-oħrajn MIKRO u QRIB analizzati, b'mod

[2] SWD(2013)XX

partikolari f'termini ta' impatt baġitarju u koerenza u komplementarjetà mal-politiki u l-istrumenti tal-Unjoni.

L-għażla nru 3 tiftaħ il-garanzija tal-UE għal istituzzjonijiet oħra u għalhekk tnaqqas is-sehem ta' self garantit tal-BEI, li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-viżibilità tal-azzjoni tal-UE, minħabba r-rwol istituzzjonali tal-BEI fl-UE. Barra minn hekk, il-baġit tal-UE kieku jassumi responsabbiltajiet kontinġenti addizzjonali fuq operazzjonijiet ta' finanzjament imwettqa minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra li mhumiex strettament parti mill-kostellazzjoni istituzzjonali tal-UE u li ma għandhomx l-istess azzjonisti. Fl-aħħar nett, l-istituzzjonijiet l-oħrajn għandhom qbil mal-entitajiet governattivi rispettivi tagħhom fir-rigward tal-istrateġiji tagħhom li jista' jillimita l-influwenza tal-Unjoni permezz tal-garanzija tagħha.

L-għażla preferuta hija għalhekk l-għażla subordinata nru 2.3 (FOKUS).

Il-valutazzjoni tal-impatt kienet ibbażata fuq skambji informali ta' fehmiet mal-partijiet interessati esterni ewlenin inklużi rappreżentanti tal-Istati Membri u rappreżentanti tal-NGOs prinċipali relevanti, li kienu organizzati permezz ta' laqgħat u seminars f'Ġunju u Ottubru 2012 sabiex jitqies l-istat attwali tar-riflessjonijiet rispettivi. B'mod partikolari, saru skambji ta' opinjonijiet dwar il-problemi identifikati f'dan ir-rapport kif ukoll dwar l-għażliet maħsuba biex jindirizzawhom. Ir-Rapport tal-VI kien ibbażat ukoll fuq il-konsultazzjonijiet wiegħsa ta' partijiet interessati ewlenin (dawk milquta b'din id-Deċiżjoni, dawk involuti fl-implimentazzjoni tagħha u tal-leġiżlaturi) li seħħew fil-kuntest tar-reviżjoni tal-mandat 2007-2013 li ntemm fl-aħħar tal-2011. Dawn il-konsultazzjonijiet kollha u l-iskambji informali ta' fehmiet kienu biżżejjed biex tiġi ffurmata opinjoni dwar il-pożizzjoni ta' partijiet interessati esterni.

Id-dettalji dwar ir-riżultat prinċipali ta' dawn il-konsultazzjonijiet huma pprovduti f'dan ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Wara l-ewwel talba għal sottomissjoni mill-ġdid, il-Bord tal-VI ta opinjoni pożittiva dwar l-abbozz tar-rapport tal-VI fid-29 ta' Jannar 2013. Il-BVI talab aktar kjarifiki dwar l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni ta' nofs it-term u dwar il-funzjoni tal-BEI fi ħdan l-iffinanzjar tal-UE għall-azzjoni esterna u b'kumplementarjetà mal-attività ta' atturi oħra, titjib ulterjuri tal-valutazzjoni tal-impatti u paragun tat-taqsimiet tal-għażla, kif ukoll aktar dettalji dwar il-preżentazzjoni tal-opinjoni tal-partijiet interessati. Ir-rapport kompla jiġi mtejjeb skont dan.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-propsota għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija msejsa fuq il-bażi ġuridika doppja tal-Artikoli 209 u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari l-Artikolu 209(3), flimkien mal-Artikolu 208 tiegħu, jipprevedi li l-BEI jikkontribwixxi, skont it-termini stipulati fl-Istatut tiegħu, fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-promozzjoni tal-objettivi tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni.

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, billi l-garanzija tal-UE tat prova li hija mezz effiċjenti biex jiġu koperti r-riskji politiċi u sovrani marbuta mal-operazzjonijeit esterni tal-BEI mwettqa b'appoġġ għall-politiki esterni tal-Unjoni. Il-mandat il-ġdid ta' garanzija tal-UE għall-2014-2020 se jippermetti li l-prattika eżistenti effiċjenti u ekonomikament b'saħħitha tibqa' għaddejja.

Fejn possibbli u rilevanti, l-abbozz tal-proposta leġiżlattiva jinkorpora l-lingwa miftiehma matul negozjati interistituzzjonali u riflessi fid-Deċiżjoni 1080/2011/UE.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni ("Fond ta' Garanzija" jew "FG"), li ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni[3], jipprovdi riżerva ta' likwidità għall-baġit tal-Unjoni kontra t-telf imġarrab mill-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI u azzjonijiet esterni oħra tal-UE, jiġifieri l-Assistenza Makro Finanzjarja u s-self tal-Euratom. Il-mandat tal-EIB jirrappreżenta aktar minn 90 % tal-portafoll kopert mill-FG.

Il-FG huwa mogħni bi ħlas annwali wieħed mill-baġit tal-UE. Il-mekkaniżmu ta' forniment tal-FG li għandu l-għan li jżomm il-FG f'livell ta' 9 % ta' żborsamenti ta' self li għad irid jitħallas, joħloq għalhekk de facto limitu fid-daqs tal-mandat estern tal-BEI kopert mill-garanzija tal-baġit tal-UE. Fl-2010, evalwazzjoni esterna tal-funzjonament tal-Fond ta' garanzija kkonkludiet li r-rata ta' forniment ta' 9 % kienet meqjusa bħala xierqa.

Il-limitu propost huwa kompatibbli mal-ammonti ta' forniment previsti fl-input tekniku tal-Kummissjoni Ewropea fin-negozjati tal-programmi individwali li jimplimentaw il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss mibgħut mill-Kummissjoni fis-27 ta' Marzu 2013 (EUR 1.193 biljun għall-qafas finanzjarju 2014-2020 fi prezzijiet attwali) u huwa bbażat fuq ix-xejriet mistennija ta' żborsamenti u ħlasijiet lura ta' self iggarantit.

Il-proposta tipprevedi limitu massimu ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI skont il-garanzija tal-UE tul il-perjodu 2014-2020 kollu ta' EUR 28 biljun. Dan il-limitu massimu jinqasam f'żewġ partijiet (i) limitu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 25 biljun; u (ii) ammont addizzjonali opzjonali ta' EUR 3 biljun. L-attivazzjoni kollha jew parzjali ta' dan l-ammont opzjonali u d-distribuzzjoni reġjonali se tiġi deċiża skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara r-reviżjoni ta' nofs it-term.

Id-daqs aktar limitat tal-limitu fiss imqabbel mad-Deċiżjoni attwali huwa dovut għar-restrizzjoni baġitarja fl-ammont tal-linja baġitarja ta' forniment tal-Fond ta' Garanzija taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u mhux marbut mal-prestazzjoni attwali u l-effettività tal-iskema u l-kunsiderazzjonijiet tal-kapaċità tal-assorbiment.

L-implikazzjonijiet baġitarji fir-rigward tal-forniment tal-Fond ta' Garanzija, inklużi l-preżunzjonijiet sottostanti, kif ukoll ir-riżorsi umani u amministrattivi involuti fl-amministrazzjoni tal-garanzija tal-UE huma stipulati fl-istqarrija finanzjarja li takkumpanja l-proposta.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Minn dak li ħareġ mill-valutazzjoni tal-impatt, il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-kontinwazzjoni tal-garanzija tal-UE għall-finanzjament estern tal-BEI għall-perspettivi finanzjarji li jmiss 2014-2020, filwaqt li jsirulha xi bidliet:

- L-ambitu ġeografiku tal-mandat jiġi ffukat fuq benefiċjarji b'inqas affidabilità kreditizja fejn l-użu tal-garanzija juri l-ogħla valur miżjud.
- Tissaħħaħ id-dimensjoni tat-tibdil fil-klima tal-mandat sabiex tinċentivizza l-operazzjonijiet tal-BEI f'dan is-settur ewlieni tal-azzjoni esterna tal-Unjoni permezz tal-

[3] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10.

introduzzjoni ta' mira kumplessiva ta' sottoskrizzjonijiet akkumpanjata mill-introduzzjoni ta' sistema ta' traċċar li tippermetti l-monitoraġġ ta' tnaqqis assolut u relattiv tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-proġetti sinifikanti kollha tal-BEI appoġġati mill-mandat.

• Jiġi allinjat aħjar il-finanzjament mill-BEI mal-politiki tal-Unjoni u tissaħħaħ il-koerenza u l-komplementarjetà mal-istrumenti tal-UE biex dawn jirriflettu b'mod aktar sodisfaċenti l-iżviluppi politiċi f'waqthom permezz ta' dispożizzjoni għall-aġġornament ta' linji gwida operattivi tekniċi reġjonali skont l-ipprogrammar indikattiv pluriennali ta' strumenti finanzjarji esterni tal-UE.

Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet tal-proposta

L-Artikolu 1 jestendi l-garanzija tal-UE għall-perspettiva finanzjarja li jmiss 2014-2020, bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' sitt xhur biex tkun żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI. Il-garanzija tal-UE hija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat tal-ammonti pendenti mħallsa tal-BEI flimkien ma' ammonti relatati (jiġifieri l-imgħaxijiet, il-kummissjonijiet, u ħlasijiet oħra possibbli li jkunu dovuti lill-BEI minn obbligatur garantit skont ftehim ta' self jew garanzija), b'mod konformi mad-Deċiżjoni attwali. Din tenfasizza li l-BEI juża r-regoli u l-proċeduri tiegħu stess meta jagħti finanzjament kopert mill-garanzija tal-UE, iżda wkoll tikkondizzjonalizza l-kopertura tal-garanzija fir-rigward tal-finanzjament mill-BEI li jitwettaq b'appoġġ għall-għanijiet politiċi esterni tal-UE. Meta mqabbla mad-Deċiżjoni attwali, il-proposta tagħmilha ċara b'mod espliċitu li l-garanzija baġitarja tal-UE tkopri self, garanzija tas-self u strumenti tas-suq kapitali tad-dejn maħruġa għall-benefiċċju ta' proġetti ta' investiment.

L-Artikolu 2 jiffissa l-limiti massimi għall-finanzjament tal-UE skont il-garanzija tal-UE (limiti fissi jew opzjonali). Il-limiti massimi reġjonali taħt il-limiti fissi huma ddettaljati fl-Anness I tad-Deċiżjoni proposta.

L-Artikolu 3 jiddetermina l-għanijiet ġenerali li għandhom jiġu segwiti mill-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI koperti bil-garanzija tal-UE. Dawn l-objettivi ġenerali huma l-iżvilupp tas-settur privat lokali (b'mod partikolari l-SMEs), l-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali, ambjentali u ekonomika, u l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Matul il-perjodu kopert mid-deċiżjoni l-ġdida, l-operazzjonijiet tat-tibdil fil-klima għandhom jirrappreżentaw medja ta' mill-inqas 25 % tat-total ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI. Il-BEI għandu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni pubblika, jaġġorna l-istrateġija tat-tibdil fil-klima tiegħu f'dan ir-rigward L-integrazzjoni reġjonali se tkun għan li fuqu tissejjes l-attività ta' finanzjament kollha tal-BEI. Barra minn hekk, il-finanzjament mill-BEI għandu jikkontribwixxi indirettament għall-għanijiet ta' żvilupp tal-Unjoni.

L-Artikolu 4 jittratta l-lista ta' pajjiżi kkonċernati mill-propostà u l-potenzjal u l-eliġibilità reali tagħhom. Peress li fid-Deċiżjoni attwali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tattiva jew tissospendi l-eliġibbiltà reali għall-finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE għall-pajjiżi elenkati bħala pajjiżi potenzjalment eliġibbli, filwaqt li l-modifika tal-lista ta' pajjiżi potenzjalment eliġibbli tkun teħtieġ deċiżjoni separata mil-leġiżlatur. L-Artikolu 4 jipprevedi wkoll is-sospensjoni tal-iżborsamenti fuq operazzjonijiet ta' finanzjament eżistenti tal-BEI li jgawdu minn garanzija komprensiva f'każ ta' sospensjoni tal-eliġibbiltà. Meta mqabbla mad-Deċiżjoni attwali, l-eliġibbiltà tal-Mjanmar għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE hija stabbilita. Dan jirrifletti l-progress li sar fir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' dan il-pajjiż. Il-ġustifikazzjoni iktar dettaljata għall-estensjoni tal-garanzija tal-UE għall-finanzjament mill-BEI fil-Mjanmar hija stipulata fl-anness tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja lil din il-proposta. Dan iqis il-qagħda politika f'dan il-pajjiż u r-relazzjonijiet bilaterali mal-Unjoni, id-demokrazija, il-jeddijiet tal-bniedem u s-sitwazzjoni tal-libertajiet fundamentali kif ukoll il-qagħda makroekonomika u l-ħtiġijiet ta' investiment.

L-Artikolu 8 jispjega n-natura tal-garanzija tal-UE li se tkopri r-riskji ta' natura politika jew ta' natura sovrana għall-operazzjonijiet ta' finanzjament li jkun daħal għalihom il-BEI. Huwa jirrikjedi wkoll li l-garanzija tal-UE tkun iffukata, permezz ta' metodu xieraq, fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fejn il-garanzija tal-UE ġġib benefiċċji finanzjarji sinifikanti. L-għan ta' metodu bħal dan ikun li jiżgura li l-kopertura garantita mill-UE tiġi utilizzata għall-benefiċċju massimu tal-benefiċjarji, p.eż. fil-pajjiżi u għall-kumpaniji b'diffikultajiet biex jiksbu finanzjament mis-suq kapitali b'kundizzjonijiet aċċettabbli, filwaqt

il-pajjiżi tal-grad ta' investiment, jew is-selliefa jistgħu jkollhom aċċess għall-faċilitajiet b'riskju għall-BEI nnifsu.

L-Artikolu 18 jipprevedi reviżjoni ta' nofs it-term tal-implimentazzjoni tal-mandat sal-31 ta' Diċembru 2017, ibbażata fuq evalwazzjoni esterna.

L-Anness I jistabbilixxi l-limiti massimi reġjonalitaħt il-limitu fiss.

L-Anness II jistabbilixxi lista ta' reġjuni u pajjiżi potenzjalment eliġibbli.

L-Anness III jistipula l-lista ta' reġjuni u pajjiżi eliġibbli.

L-Anness IV jippreżenta l-qafas tal-politika reġjonali fejn il-BEI jopera barra mill-Unjoni.

2013/0152 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti barra l-Unjoni Ewropea.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Flimkien mal-missjoni ċentrali tiegħu li jiffinanzja l-investiment fl-Unjoni, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) iwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament barra l-Unjoni b'appoġġ għal-linji tal-politika esterna tal-Unjoni. Dan jippermetti li fondi baġitarji tal-UE disponibbli għar-reġjuni esterni jiġu kkumplimentati mis-saħħa finanzjarja tal-BEI għall-benefiċċju tal-pajjiżi riċevituri. Meta jwettaq dawn l-operazzjonijiet ta’ finanzjament, il-BEI jikkontribwixxi għall-prinċipji ġenerali u l-objettivi ta’ politika tal-Unjoni.

(2) L-Artikolu 209(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew (TFUE), flimkien mal-Artikolu 208 tiegħu, jipprevedi li l-BEI għandu jikkontribwixxi, skont it-termini stipulati fl-Istatut tiegħu, fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġu promossi l-objettivi tal-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

(3) Bil-ħsieb ta' appoġġ għall-azzjoni esterna tal-UE, u biex il-BEI ikun jista’ jiffinanzja investimenti barra mill-Unjoni mingħajr ma jaffettwa l-pożizzjonament kreditarju tiegħu, il-biċċa l-kbira tal-operazzjonijiet tiegħu bbenefikaw minn garanzija baġitarja tal-UE ("garanzija tal-UE") amministrata mill-Kummissjoni.

(4) L-aħħar garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ffirmata matul il-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2013 ġiet stabbilita permezz tad-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE[4] Għandha tiġi stabbilita garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI barra l-Unjoni b’appoġġ għall-politiki tal-Unjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali tal-perjodu 2014-2020.

(5) Għandha tiġi stabbilita lista ta’ reġjuni u pajjiżi potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE. Huwa wkoll essenzjali li tiġi

[4] ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1.

stabbilita lista ta' reġjuni u pajjiżi potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE.

(6) Il-Mjanmar għandu jiżdied maż-żewġ listi wara l-iżviluppi reċenti li ppermettew lill-Unjoni tiftaħ kapitlu ġdid fir-relazzjonijiet tagħha mal-Mjanmar u sabiex jingħata appoġġ għar-riformi politiċi u ekonomiċi kontinwu fil-pajjiż.

(7) Sabiex jiġu riflessi żviluppi ta' politika sinifikanti, il-lista tal-pajjiżi attwalment eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE għandha tiġi riveduta kif xieraq u s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(8) Sabiex tkun meqjusa l-evoluzzjoni potenzjali tal-ħtiġijiet ta' forniment reali tal-Fond ta' Garanzija skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni[5], il-limitu massimu tal-garanzija tal-UE għandu jinqasam f'limitu fiss ta' ammont massimu tal-EUR 25 biljun u ammont addizzjonali opzjonali ta' EUR 3 biljun.

(9) L-ammonti koperti mill-garanzija tal-UE f'kull reġjun għandhom ikomplu jirrappreżentaw limiti massimi għall-finanzjament mill-BEI skont il-garanzija tal-UE u mhux il-miri li l-BEI jiġi rikjest li jissodisfa. Il-limiti massimi għandhom jiġu evalwati bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs it-term ta' din id-Deċiżjoni.

(10) Sabiex tiżdied il-koerenza u l-attenzjoni fuq l-attività ta' finanzjament estern tal-BEI ta' appoġġ politiku tal-Unjoni, u għall-benefiċċju massimu tal-benefiċjarji, id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE stabbiliet għanijiet ġenerali għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fir-reġjuni u pajjiżi eleġibbli kollha, jiġifieri l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari b'appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), l-infrastruttura ekonomika u soċjali u l-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima, biex b'hekk bniet fuq il-vantaġġi komparattivi tal-BEI f'oqsma fejn għandu rekord tajjeb ferm. Dawn l-għanijiet għandhom jinżammu f'din id-Deċiżjoni.

(11) It-titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, inklużi l-SMEs mill-Unjoni li jinvestu fir-reġjuni koperti minn din id-Deċiżjoni, jista' jkollu rwol essenzjali fl-istimolu tal-iżvilupp ekonomiku u fil-ġlieda kontra l-qgħad. Biex jilħaq b'mod effikaċi lill-SMEs, il-BEI għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet finanzjarji intermedjarji lokali fir-reġjuni u l-pajjiżi eliġibbli, b'mod partikulari biex jiżgura li parti mill-benefiċċji finanzjarji jiġu mgħoddija lill-klijenti tagħhom u jipprovdu valur miżjud meta mqabbel ma' sorsi oħra ta' finanzjament.

(12) Il-kopertura tal-garanzija tal-UE, li hija limitata għal riskji ta' natura sovrana u politika, mhix biżżejjed fiha nnifisha biex tiżgura attività sinifikanti tal-BEI bħala appoġġ għall-mikrofinanza. Għalhekk din l-attività, fejn xieraq, għandha titwettaq b'rabta mar-riżorsi baġitarji disponibbli taħt strumenti oħrajn.

(13) Il-BEI għandu jkompli jiffinanzja proġetti ta' investiment fl-oqsma ta' infrastruttura soċjali, ambjentali u ekonomiċi, u għandu jikkunsidra żieda fl-attività tiegħu b'appoġġ

[5] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10

għas-saħħa u l-infrastruttura tal-edukazzjoni fejn ikun hemm valur miżjud ċar dan isir dan.

(14) Il-BEI għandu jkompli wkoll jiffinanzja proġetti ta’ investiment b’appoġġ għall-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima, biex ikomplu jippromwovi l-miri klimatiċi tal-Unjoni fuq skala globali.

(15) Fl-oqsma koperti mill-għanijiet ġenerali, l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi, b'mod partikolari l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi preadeżjonali, il-pajjiżi ġirien u l-Unjoni, għandha tkun għan bażiku għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI. Fl-oqsma msemmija hawn fuq, il-BEI għandu jkun kapaċi jappoġġa lill-pajjiżi msieħba permezz ta’ investimenti diretti barranin minn kumpaniji fl-Unjoni li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-għarfien, dejjem jekk tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta matul id-diliġenza xierqa tal-proġetti ta' investiment sabiex jitnaqqsu kemm jista’ jkun ir-riskji li l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI jwasslu għal riperkussjonijiet negattivi fuq l-impjiegi fl-Unjoni. Il-BEI għandu wkoll jiġi mħeġġeġ biex jagħti l-appoġġ tiegħu għall-investiment dirett barrani fil-pajjiżi msieħba minn kumpaniji tal-Unjoni għar-riskju tiegħu stess.

(16) Il-miżuri prattiċi għall-irbit tal-objettivi ġenerali tal-garanzija tal-UE mal-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu stabbiliti fil-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali. Dawn il-linji gwida għandhom ikunu konsistenti mal-qafas ta' politika reġjonali usa' tal-Unjoni. Il-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali għandhom jiġu riveduti u aġġornati ulterjurment wara r-reviżjoni ta’ din id-Deċiżjoni sabiex isir adattament għall-iżviluppi tal-politiki u l-prijoritajiet esterna tal-Unjoni.

(17) F'konformità mal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI, l-applikazzjonijiet li jsiru direttament lill-BEI għal operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa taħt din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għall-opinjoni dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti tal-UE. F’każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva dwar operazzjoni ta’ finanzjament mill-BEI fil-qafas tal-proċedura tal-Artikolu 19, l-operazzjoni m’għandhiex tkun koperta bil-garanzija tal-UE.

(18) Filwaqt li l-forza tal-BEI tibqa d-distinzjoni tiegħu bħala bank tal-investiment, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif imsemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li tħeġġeġ u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-Unjoni hija parti minnhom. B’mod partikolari, fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jippromwovu dawn li ġejjin: l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli tagħhom f'dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tal-ekonomiji tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar kif ukoll il-konformità mal-għanijiet approvati mill-Unjoni fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Skont l-Artikolu 209(3) tat-Trattat, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jappoġġa indirettament il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tal-2015 tan-NU fir-reġjuni kollha fejn ikun attiv, bħala miżura meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

(19) L-attività tal-BEI taħt din id-Deċiżjoni għandha tappoġġja l-Aġenda għall-Bidla proposta mill-Kummissjoni u tkun koerenti mal-prinċipji rilevanti tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp u l-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna deskritta fid-Dikjarazzjoni ta’ Pariġi tal-2005, l-aġenda ta’ Accra għall-Azzjoni tal-2008 u l-ftehim

ta' sħubija ta' Busan tal-2011. Barra minn hekk, din għandha tkun koerenti wkoll mal-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija adottati mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2012 u ftehimiet ambjentali internazzjonali inklużi impenji tal-bijodiversità. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-BEI li jivvaluta l-aspetti ambjentali, soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti ta' investiment, inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali mal-awtoritajiet pubbliċi u mas-soċjetà ċivili. F'dan il-kuntest, il-BEI għandu jimplimenta u jiżviluppa aktar il-qafas tat-Tkejjil tar-Riżultati (REM) li jipprovdi sett dettaljat ta' indikaturi tal-prestazzjoni li jkejlu l-impatt ekonomiku, ambjentali, soċjali, u l-iżvilupp tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-investiment sottostanti. L-implimentazzjoni tar-REM għandha tiġi evalwata bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs it-term ta' din id-Deċiżjoni. Meta jkun qed iwettaq id-diliġenza dovuta fir-rigward ta' proġett ta' investiment, il-BEI għandu, meta jkun xieraq u f'konformità mal-prinċipji soċjali u ambjentali tal-Unjoni jobbliga lill-promotur tal-proġett ta' investiment iwettaq konsultazzjonijiet lokali u jiżvela r-riżultati lill-pubbliku. Ftehimiet ta' finanzjament mill-BEI li jinvolvu kontropartijiet pubbliċi għandhom jinkludu b'mod espliċitu l-possibilità li jissospendu l-iżborsamenti f'każ ta' revoka tal-eliġibbiltà taħt din id-Deċiżjoni tal-pajjiż li fih isir il-proġett ta' investiment.

(20) Fil-livelli kollha, mill-ippjanar strateġiku 'l fuq (upstream) sal-iżvilupp tal-proġetti ta' investiment 'l isfel (downstream), għandu jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' finanzjament estern mill-BEI jkunu konformi ma' u jappoġġaw l-linji ta' politika esterni tal-UE u l-għanijiet ġenerali stipulati f'din id-Deċiżjoni. Bil-ħsieb li tiżdied il-koerenza fl-azzjoni esterna tal-UE, għandu jkompli jissaħħaħ id-djalogu dwar il-politika u l-istrateġija bejn il-Kummissjoni u l-BEI, inkluż is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esternza(is-SEAE). Il-Memorandum ta' Qbil li għandu jiġi rivedut fl-2013 biex tittejjeb il-kooperazzjoni u l-iskambju reċiproku bikri tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-BEI u fil-livell operattiv għandu jibqa' jiġi applikati. L-iskambju bikri tal-opinjonijiet bejn il-BEI, u l-Kummisjoni, inkluż is-SEAE, skont kif ikun jixraq, għandu importanza partikolari fil-proċess tat-tħejjija tad-dokumenti tal-ipprogrammar sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-attivitajiet tagħhom. Il-kooperazzjoni fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet tal-prevenzjoni tal-kunflitti għandhom ukoll jissaħħu.

(21) Ir-relazzjonijiet esterni tal-UE għandhom ikunu appoġġati bi strumenti ġodda mill-2014, inkluż Regolament umbrella li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna[6]. Bil-ħsieb li tiżdied il-koerenza tal-appoġġ kumplessiv tal-Unjoni fir-reġjuni kkonċernati, l-opportunitajiet għandhom jinħatfu sabiex ilaqqgħu l-finanzjament mill-BEI u r-riżorsi baġitarji tal-Unjoni meta u fejn ikun xieraq, fil-forma ta' strumenti finanzjarji pprovduti fit-Titlu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[7] u assistenza teknika għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proġett, permezz ta' Strument għall-Assistenza Preadeżjonali II (IPA II),[8], l-Istrument

[6] COM(2011)842 finali
[7] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[8] COM(2011)838 finali

Ewropew tal-Viċinat (ENI)[9], l-Istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI)[10], l-Istrument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi[11], l-Istrument għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja [12], l-Istrument għall-Istabbilità[13], u l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari [14]. Wara d-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, il-Kummissjoni stabbiliet Pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna bil-ħsieb li ttejjeb il-funzjonament tal-mekkaniżmi għat-taħlit tal-għotjiet u s-self barra l-Unjoni.

(22) Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra mill-Unjoni li ma jaqgħux fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex itejjeb aktar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari dawk li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna. Din il-kooperazzjoni tinkludi, fejn xieraq, il-kooperazzjoni dwar il-kondizzjonalità tas-settur u l-fiduċja reċiproka fuq proċeduri, l-użu ta' kofinanzjament konġunt u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali, bħalma huma dawk li jippromwovu l-koordinazzjoni u l-effikaċja tal-għajnuna. Tali koordinazzjoni u kooperazzjoni għandhom ifittxu li jimminimizzaw il-possibbiltà ta' spejjeż doppji u sovrapożizzjoni bla bżonn. Il-Memorandum ta' Qbil bejn tliet partijiet ta' bejn il-Kummissjoni, il-Grupp tal-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) fir-rigward tal-kooperazzjoni barra l-Unjoni, li jippermetti lill-Grupp tal-BEI u l-BERŻ jaġixxu b'mod kumplimentari billi wieħed jistrieħu fuq l-vantaġġi komparattivi rispettivi tagħhom, ġie aġġornat fl-2012 biex ikopri l-estensjoni tal-ambitu ġeografiku tal-BERŻ għar-reġjun tal-Mediterran u għandhom jibqgħu jiġu applikati. Il-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw ukoll meta l-finanzjment tal-BEI jiġi implimentat permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħrajn.

(23) Il-BEI għandu jiġi mħeġġeġ sabiex iżid l-operazzjonijiet tiegħu u jiddiversifika l-operazzjonijiet tiegħu 'l barra mill-Unjoni mingħajr ma jirrikorri għall-garanzija tal-UE biex b'hekk l-użu tal-garanzija tal-UE jkun jista' jiġu ffukat fuq pajjiżi u proġetti ta' investiment b'aċċess fqir għas-suq, b'kunsiderazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà tad-dejn, fejn il-garanzija tal-UE għalhekk tipprovdi aktar valur miżjud. Konsegwentement, u dejjem bil-għan li jappoġġa l-għanijiet tal-politiki esterni tal-Unjoni, il-BEI għandu jiġi mħeġġeġ isellef għar-riskju proprju tiegħu, inkluż b'appoġġ għall-interessi ekonomiċi tal-Unjoni, fil-pajjiżi u favur proġetti ta' investiment meqjusa bħala kreditizji biżżejjed wara l-valutazzjoni tal-BEI u b'kunsiderazzjoni tar-riskju tiegħu stess tal-kapaċità ta' assorbiment.

(24) Il-BEI għandu jespandi l-firxa ta' strumenti ta' finanzjament ġodda u innovattivi li joffri, anke permezz ta' aktar attenzjoni fuq l-iżvilupp ta' strumenti ta' garanzija. Barra minn hekk, il-BEI għandu jfittex attivament li jipparteċipa fi strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskju u fl-iffinanzjar tas-suq kapitali tad-dejn ta' proġetti b'ħolqien stabbli u prevedibbli tal-fluss ta' flus. B'mod partikolari, huwa għandu jikkunsidra l-appoġġ għal strumenti tas-suq kapitali tad-dejn maħruġ jew mogħti għall-benefiċċju ta' proġett ta' investiment imwettaq fil-pajjiżi eliġibbli. Barra minn hekk, il-BEI għandu jżid il-

[9] COM(2011)839 finali
[10] COM(2011)840 finali
[11] COM(2011)843 finali
[12] COM(2011)844 finali
[13] COM(2011)845 finali
[14] COM(2011)841 finali

forniment tiegħu ta' self fil-muniti lokali u joħroġ bonds fis-swieq lokali, sakemm il-pajjiżi benefiċjarji jdaħħlu fis-seħħ ir-riformi strutturali neċessarji, b'mod partikolari fis-settur finanzjarju, kif ukoll miżuri oħra li jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-BEI.

(25) L-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI b'appoġġ għall-politika esterna tal-Unjoni għandhom jkomplu jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ta' prattika bankarja soda. Dawn għandhom ikomplu jiġu ġestiti skont ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi l-miżuri ta’ kontroll xierqa u u l-konformità mal-istqarrija tal-BEI dwar l-istandards soċjali u ambjentali, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti li jikkonċernaw il-Qorti tal-Awdituri u l-Uffiċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), Fl-operazzjonijiet tiegħu ta' finanzjament, il-BEI għandu jimplimenta b'mod adegwat il-politiki tiegħu lejn ġurisdizzjonijiet irregolati b’mod dgħajjef jew nonkooperattivi biex jikkontribwixxu fil-ġlieda internazzjonali kontra l-frodi fiskali, l-evażjoni tat-taxxa u l-ħasil tal-flus.

(26) Il-BEI għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li, meta l-operazzjonijiet ta' finanzjament soġġetti għall-garanzija tal-UE, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jiġu mħarsa mill-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra u li l-OLAF ikollu l-jedd li jwettaq verifiki fuq il-post u spezzjonijiet fl-istabbilimenti tal-benefiċjarji.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Garanzija tal-UE

1. L-Unjoni Ewropea għandha tagħti garanzija baġitarja tal-UE għall-operazzjonijiet ta' finanzjament imwettqa 'l barra mill-Unjoni (“garanzija tal-UE”) lill-Bank tal-Investiment Ewropew (BEI). Il-garanzija tal-UE għandha tingħata bħala garanzija globali fir-rigward ta’ ħlasijiet li ma jaslux għand il-BEI, minkejja li huma dovuti lilu, b'rabta ma' self u garanziji fuq self u strumenti tas-suq kapitali tad-dejn mogħtija jew maħruġa għall-benefiċċju tal-proġetti ta' investiment tal-BEI li huma eliġibbli skont il-paragrafu 2.

2. Eliġibbli għall-garanzija tal-UE għandhom ikunu s-self, il-garanziji ta’ self, u l-istrumenti tas-suq kapitali tad-dejn tal-BEI mogħtija jew maħruġa għall-benefiċċju ta’ proġetti ta’ investiment mwettqa f’pajjiżi eliġibbli skont ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess u b’appoġġ għall-għanijiet rilevanti tal-politika esterna tal-Unjoni, fejn il-finanzjament mill-BEI jkun ingħata skont ftehim iffirmat li la jkun skada u lanqas ikun ġie kkanċellati (l-“operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI”).

3. Il-garanzija tal-UE għandha tkun ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat imħallas jew garantit skont l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI, bl-ammonti mnaqqsa rimborżati, flimkien mal-ammonti relatati kollha.

4. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI ffirmati mill-1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

5. Jekk, mal-iskadenza tal-perjodu li jissemma fil-paragrafu 4, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jkunux adottaw deċiżjoni li tagħti garanzija tal-UE ġdida lill-BEI kontra t-telf imġarrab mill-operazzjonijiet ta’ finanzjament tiegħu barra mill-Unjoni, dan il-perjodu għandu jiġġedded awtomatikament b’sitt xhur.

Artikolu 2
Limiti fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI koperti mill-garanzija tal-UE

1. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI koperti mill-garanzija tal-UE, matul il-perjodu 2014-2020 ma għandux jaqbeż EUR 28 000 000 000,, L-ammonti kanċellati ma jgħoddux mal-limitu.

   Dan il-limitu massimu jinqasam fi:

   (a) limitu fiss ta' ammont massimu ta' EUR 25 000 000 000;

   (b) ammont addizzjonali opzjonali ta' EU 3 000 000 000.

   L-attivazzjoni kollha jew parzjali tal-ammont imsemmi fil-punt (b) u d-distribuzzjoni reġjonali tagħha tkun deċiża wara r-reviżjoni ta' nofs it-term skont l-Artikolu 18.

2. Il-limitu fiss imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandu jinqasam f'limiti massimi reġjonali u sottolimiti massimi kif stipulat fl-Anness I. Fil-limiti massimi reġjonali, il-BEI għandu jiżgura progressivament li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata tal-pajjiżi fi ħdan ir-reġjuni koperti mill-garanzija tal-UE.

Artikolu 3
Għanijiet u prinċipji ġenerali

1. Il-garanzija tal-UE għandha tingħata għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jappoġġaw kwalunkwe mill-għanijiet ġenerali li ġejjin:

   (a) l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs.

   (b) l-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali, ambjentali u ekonomiċi;

   (c) il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

2. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa skont din id-Deċiżjoni, għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif imsemmija fl-Artikolu 21 TUE u għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-Unjoni hija parti minnhom.

3. L-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi Preadeżjonali, il-pajjiżi Ġirien u l-Unjoni, għandha tkun għan bażiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fi ħdan l-oqsma koperti mill-għanijiet ġenerali kif imfissra fil-paragrafu 1.

4. Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif definiti fil-lista ta' riċevituri tal-assistenza għall-iżvilupp uffiċjali (ODA) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD), l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu indirettament għall-għanijiet tal-politika tal-Unjoni fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif imsemmi fl-Artikolu 208 TUE.

5. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jappoġġaw l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1(a) jistgħu jinkludi l-appoġġ għall-proġetti ta' investiment min-naħa tal-SMEs tal-Unjoni.

6. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jappoġġaw l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1(b) għandhom jappoġġjaw il-proġetti ta' investiment fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija, inkluża l-enerġija rinnovabbli, is-sistemi ta' trasformazzjoni tal-enerġija li jippermettu l-bidla għal teknoloġiji u fjuwils b'livell inqas intensiv tal-karbonju, is-sigurtà tal-enerġija u l-infrastruttura tal-enerġija, inkluż għall-

produzzjoni u t-trasport tal-gass lejn is-suq tal-enerġija tal-UE, l-infrastruttura ambjentali, inkluż l-ilma u s-sanità u l-infrastruttura ekoloġika, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u anke it-telekomunikazzjoni u l-infrastruttura tan-netwerk tal-broadband, is-saħħa u l-edukazzjoni.

7. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jappoġġaw l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1(c) għandhom jappoġġaw proġetti ta' investiment fil-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima li jikkontribwixxu għall-għan kumplessiv tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, b'mod partikolari billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli, jew billi titqawwa r-reżiljenza għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq il-pajjiżi, is-setturi u l-komunitajiet vulnerabbli. Matul il-perjodu kopert mid-Deċiżjoni, il-volum ta' dawn l-operazzjonijiet għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 25 % tal-operazzjonijiet ta' finanzjament kollha tal-BEI.

8. F'konformità mal-għanijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tat-tibdil fil-klima, għal qabel l-aħħar tal-2016, il-BEI, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni pubblika, għandu jaġġorna l-istrateġija tiegħu għat-tibdil fil-klima fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI.

Artikolu 4
Pajjiżi koperti

1. Il-lista ta' reġjuni u pajjiżi potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE hija stipulata fl-Anness II. Il-lista ta' reġjuni u pajjiżi eliġibbli għal finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija tal-UE tinsab fl-Anness III u m'għandhiex tinkludi pajjiżi oħrajn barra minn dawk elenkati fl-Anness II.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 17 rigward l-emendi għall-Anness III. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jissejsu fuq valutazzjoni ekonomika u politika kumplessiva, inklużi aspetti relatati mad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u d-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti.

3. Atti delegati li jemendaw l-Anness III m'għandhomx jaffettwaw il-kopertura tal-garanzija tal-UE tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ffirmati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-atti delegati, soġġetti għall-paragrafu 4.

4. L-iżborsamenti għal operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jibbenefikaw minn Garanzija Komprensiva kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) m'għandhiex issir f'pajjiżi mhux elenkati fl-Anness III.

5. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri biss operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa f'pajjiżi eliġibbli li jkunu kkonkludew ftehim ta' qafas mal-BEI li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet legali taħt liema għandhom jitwettqu dawn l-operazzjonijiet.

6. Il-garanzija tal-UE ma għandhiex tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI f'pajjiż speċifiku li miegħu l-ftehim dwar tali operazzjonijiet ikun ġie iffirmat wara l-adeżjoni ta' dak il-pajjiż fl-Unjoni.

Artikolu 5
Il-kontribut tal-operazzjonijiet tal-BEI għal-linji ta' politika tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha taġġorna, flimkien mal-BEI, linji gwida operattivi tekniċi reġjonali attwali tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI fi żmien sena wara l-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

Dawn il-linji gwida għandhom ikunu konsistenti mal-qafas ta' politika reġjonali usa' tal-Unjoni stipulat fl-anness għal din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, il-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali għandhom jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI taħt din id-Deċiżjoni jikkumplimenta l-politiki, il-programmi u l-istrumenti korrispondenti tal-assistenza tal-Unjoni fid-diversi reġjuni.

Bl-aġġornament ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom iqisu r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tad-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti. Is-SEAE għandu jiġi kkonsultat ukoll fir-rigward ta’ kwistjonijiet politiċi, kif xieraq.

Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti l-linji gwida aġġornati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill malli jiġu stabbiliti.

Fil-qafas stabbilit mill-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali, il-BEI għandu jiddefinixxi l-istrateġiji korrispondenti ta' finanzjament u jiżgura li dawn jiġu implimentati.

Il-linji gwida operazzjonali tekniċi reġjonali għandhom jiġu riveduti wara r-reviżjoni imsemmija fl-Artikolu 18.

2. Operazzjoni ta’ finanzjament mill-BEI m'għandhiex tkun koperta mill-garanzija tal-UE fil-każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva dwar operazzjoni bħal din fi ħdan il-qafas tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI.

Artikolu 6
Il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u s-SEAE

1. Il-konsistenza tal-azzjonijiet esterni tal-BEI mal-għanijiet tal-politika esterna tal-UE għandha tkompli tissaħħaħ, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI u r-riżorsi baġitarji tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-aġġornament tal-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali msemmija fl-Artikolu 5, kif ukoll permezz ta' djalogu regolari u sistematiku u l-iskambju bikri ta' informazzjoni dwar:

   (a) dokumenti strateġiċi ppreparati mill-Kummissjoni u/jew is-SEAE kif xieraq, bħal dokumenti ta’ strateġija tal-pajjiż jew reġjonali, programmi indikattivi, pjanijiet ta’ azzjoni u dokumenti ta’ qabel l-adeżjoni;

   (b) il-pjanijiet għall-proġettita' investiment u d-dokumenti ta’ ppjanar strateġiku tal-BEI;

   (c) aspetti politiċi u operattivi oħra.

2. Din il-kooperazzjoni se ssir reġjun b'reġjun, anke fil-livell tad-Delega tal-UE, b'kunsiderazzjoni tar-rwol tal-BEI kif ukoll il-linji ta' politika tal-Unjoni f'kull reġjun.

Artikolu 7
Koperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej oħra u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jitwettqu, fejn xieraq, b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħrajn, sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji, il-kooperazzjoni u l-effiċjenza, sabiex jiġu żviluppati strumenti konġunti finanzjarji innovattivi, sabiex tiġi żgurata l-kondiviżjoni prudenti u raġonevoli tar-riskji u l-kondizzjonalità koerenti tal-proġetti ta' investiment u tas-settur u biex tkun minimizzata l-possibbiltà ta' spejjeż doppji u sovrapożizzjoni bla bżonn.

2. Il-koperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni, il-BEI u Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali ewlenin li joperaw fir-reġjuni differenti, imwettqa fejn xieraq fil-kuntest tal-memoranda ta' qbil jew oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali oħra tal-Unjoni.

Artikolu 8
Il-kopertura u l-kundizzjonijiet tal-garanzija tal-UE

1. Għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jitwettqu ma' Stat, jew li huma ggarantiti minn Stat u għal operazzjonijiet oħra ta' finanzjament mill-BEI li jitwettqu ma' awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew ma' intrapriżi jew istituzzjonijiet pubbliċi tal-gvern u/jew ikkontrollati mill-gvern, fejn tali operazzjonijiet oħra ta' finanzjament mill-BEI għandhom valutazzjoni adegwata tar-riskju ta' kreditu tal-BEI b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-pajjiż ikkonċernat, il-garanzija tal-UE għandha tkopri l-ħlasijiet kollha dovuti lill-BEI, iżda mhux irċevuti minnu ("Garanzija Komprensiva").

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, il-Palestina hija rappreżentata mill-Awtorità Palestinjana u Kosovo[15] mill-Gvern ta' Kosovo.

3. Għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 u għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jikkonsistu fi strumenti tas-suq kapitali tad-dejn, il-garanzija tal-UE għandha tkopri l-ħlasijiet kollha dovuti lill-BEI iżda mhux riċevuti minnu, meta dan ma jkunx irċevihom minħabba r-realizzazzjoni ta' wieħed mir-riskji politiċi li ġejjin ("Garanzija għar-Riskju Politiku"):

   (a) nuqqas ta' trasferiment tal-munita;

   (b) esproprjazzjoni;

   (c) gwerra jew irvellijiet ċivili;

   (d) ġustizzja miċħuda wara ksur ta' kuntratt.

4. L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom jiffokaw fuq proġetti ta' investiment fejn il-garanzija tal-UE ġġib magħha valur miżjud finanzjarju siewi skont il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-BEI.

[15] Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

5. Il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jistabbilixxu fil-ftehim imsemmi fl-Artikolu 13a metodu li jippermetti lill-BEI jidentifika, fi ħdan l-attività esterna tiegħu, l-operazzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni u l-operazzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati għar-riskju proprju tal-BEI. Il-metodu għandu jiġi bbażat fuq l-affidabbiltà kreditizja tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI kif ivvalutati mill-BEI, ir-reġjuni u l-limiti kif definiti fl-Anness I, in-natura tal-kontroparti (jekk gvern/Stat, sottosovran kif imsemmi fil-paragrafu 1 jew privat), il-kapaċità ta' assorbiment ta' riskju tal-BEI u kriterji rilevanti oħra, inkluż il-valur miżjud tal-Garanzija tal-UE.

6. Meta tintalab il-garanzija tal-UE, l-Unjoni għandha tkun surrogata għal kwalunkwe drittijiet tal-Bank rilevanti fir-rigward ta' kwalunkwe obbligu b'rabta mal-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu, skont il-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 13.

Artikolu 9
Il-valutazzjoni tal-BEI u l-monitoraġġ ta' proġetti ta' investiment

1. Il-BEI għandu jwettaq analiżi approfondita ("due diligence") u, fejn ikun xieraq u f'konformità mal-prinċipji soċjali u ambjentali tal-Unjoni, jirrikjedi konsultazzjoni pubblika lokali xierqa, tal-aspetti tal-proġetti ta' investiment relatati mal-iżvilupp, koperti mill-garanzija tal-UE.

Fejn xieraq, il-valutazzjoni skont l-ewwel subparagrafu għandha tinkludi valutazzjoni dwar kif il-kapaċitajiet tal-benefiċjarji tal-finanzjament mill-BEI jistgħu jiġu msaħħa mill-ġdid tul iċ-ċiklu kollu tal-proġett b'għajnuna teknika.

Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti ta' investiment u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-prevenzjoni tal-kunflitt, sabiex jiżguraw li dawk il-proġetti ta' investiment li jkunu sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni.

2. Barra l-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament. B'mod partikolari, għandu jesiġi li l-promoturi tal-proġett iwettqu monitoraġġ bir-reqqa tul l-implimentazzjoni tal-proġett sat-tlestija tiegħu, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett ta' investiment fuq l-iżvilupp, l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Il-BEI għandu jivvaluta l-informazzjoni pprovduta mill-promoturi tal-proġett.

3. Il-monitoraġġ tal-BEI għandu jkopri wkoll, l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet intermedjati u l-prestazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji b'appoġġ għall-SMEs.

4. Il-BEI għandu jistabbilixxi sistema komprensiva ta' traċċar ta' monitoraġġ tat-tnaqqis relattiv u assolut tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra matul l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fejn l-emissjonijiet huma sinifikanti u d-dejta hija disponibbli.

Artikolu 10
Ir-rappurtaġġ annwali u l-kontabilità

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa skont din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu jinkludi:

(a) stima tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI fil-livell ta’ proġett, settur, pajjiż u dak reġjonali;

(b) valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-metodu msemmi fl-Artikolu 8(5);

(c) valutazzjoni tal-valur miżjud u l-impatt tal-iżvilupp tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI fuq bażi aggregata u l-kontribut tagħhom fil-kisba tal-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-Unjoni, b’kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali msemmija fl-Artikolu 5;

(d) valutazzjoni tal-benefiċċju finanzjarju trasferit lill-benefiċjarji tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI fuq bażi aggregata;

(e) valutazzjoni tal-kwalità tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI, b’mod partikolari, il-punt sa fejn il-BEI kkunsidra s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali fl-analiżi approfondita u l-monitoraġġ ta’ proġetti ta’ investiment finanzjati;

(f) jitlob Garanzija tal-UE;

(g) informazzjoni dwar il-volumi ta’ finanzjament rigward il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima skont din id-Deċiżjoni, l-impatt fuq it-tnaqqis assolut u relattiv tal-gassijiet serra tal-investimenti sinifikanti kollha kif definit fl-istrateġija tat-tibdil fil-klima msemmija fl-Artikolu 3 fuq bażi aggregata kif ukoll in-numru ta’ proġetti vvalutati kontra r-riskju tal-klima;

(h) deskrizzjoni ta’ kooperazzjoni mal-Kummissjoni u Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej oħra u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, inkluż il-kofinanzjament. Ir-rapport għandu jinkludi b’mod partikolari lista dettaljata tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni u r-riżorsi ta’ Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħrajn użati flimkien mal-finanzjament mill-BEI, li b’hekk jagħti ħarsa ġenerali dwar l-investiment totali appoġġat mill-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI mwettqa taħt din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu jsemmi wkoll il-konklużjoni ta’ memoranda ta’ qbil bejn il-BEI u Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej jew Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħrajn li għandhom effett fuq l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI taħt din id-Deċiżjoni;

(i) informazzjoni dwar is-segwitu tal-funzjonament tal-Memorandum ta’ qbil bejn il-BEI u l-Ombudsman Ewropew safejn il-Memorandum jikkonċerna l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI koperti b'din id-Deċiżjoni.

2. Għall-finijiet tar-rappurtar tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b’rapporti annwali dwar l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI mwettqa taħt din id-Deċiżjoni inklużi l-elementi kollha meħtieġa li jippermettu lill-Kummissjoni tirrapporta skont il-paragrafu 1. Il-BEI jista’ wkoll jipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali rilevanti għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex tingħata stampa komprensiva tal-attività esterna tal-BEI.

3. Il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'dejta statistika, finanzjarja u kontabilistika dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jiġu ssodisfati d-dmirijiet ta' rappurtaġġ tal-Kummissjoni jew it-talbiet mill-Qorti tal-Awdituri u ċertifikat ta' awditur dwar l-ammonti pendenti tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI. Il-BEI għandu wkoll jipprovdi lill-Kummissjoni kwalunkwe dokumenti meħtieġa f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit

ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[16].

4. Għall-finijiet tal-kontabilità u tar-rappurtaġġ tal-Kummissjoni tar-riskji koperti mill-garanzija tal-UE, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'valutazzjoni tar-riskju tal-BEI u b'informazzjoni dwar gradazzjoni li tikkonċerna l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI.

5. Il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, tal-inqas darba f'sena, bi programm multiannwali indikattiv tal-volum ippjanat ta' firem tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, sabiex tkun żgurata l-kompatibbiltà tat-tbassir tal-finanzjament tal-BEI mal-livelli massimi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u għall-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat ippjanar baġitarju xieraq għall-forniment tal-Fond ta' garanzija[17]. Il-Kummissjoni għandha tqis din il-previżjoni meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-baġit.

6. Il-BEI għandu jibqa' jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni r-rapporti indipendenti ta' evalwazzjoni kollha tiegħu li jivvalutaw ir-riżultati prattiċi miksuba mill-attivitajiet speċifiċi tal-BEI skont din id-Deċiżjoni u mandati esterni oħrajn.

7. Il-BEI għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 6 għall-ispejjeż tiegħu.

Artikolu 11

L-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni

1. Skont il-politika ta' trasparenza tiegħu stess, il-BEI għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku fil-websajt tiegħu informazzjoni relatata ma':

   (a) l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI kollha mwettqa taħt din id-Deċiżjoni u li b'mod partikolari tindika jekk proġett ta' investiment huwa kopert mill-garanzija tal-UE;

   (b) sakemm ikunu applikati rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, kwalunkwe memoranda ta' qbil bejn il-BEI u Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej jew Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħrajn li għandhom effett fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI taħt din id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha informazzjoni relatata mal-każi kollha ta' rkupru skont il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 14 sakemm ikunu japplikaw rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

Artikolu 12

Ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx

Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu, il-BEI ma għandux jittollera attivitajiet li jsiru għal finijiet illegali, inkluż il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni, u l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. B'mod partikolari l-BEI ma għandu jipparteċipa fl-ebda operazzjoni ta' finanzjament implimentata f'pajjiż eliġibbli permezz ta' ġurisdizzjoni barranija li ma tikkooperax identifikata bħala tali

[16] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[17] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

mill-OECD, mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn.

Artikolu 13

Ftehim ta' garanzija

Il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jiffirmaw ftehim ta' garanzija li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati dwar il-garanzija tal-UE kif stabbilita fl-Artikolu 8 u għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill kif meħtieġ.

Artikolu 14

L-irkupru tal-ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni

1. Fejn il-Kummissjoni tagħmel xi ħlas skont il-garanzija tal-UE, il-BEI, f'isem u fl-interess tal-Kummissjoni, għandu jsegwi l-irkupru tal-klejms għall-ammonti mħallsa.

2. Mhux aktar tard mill-iffirmar tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 13, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jiffirmaw ftehim separat li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri ddettaljati li jirrelataw mal-irkupru ta' pretensjonijiet.

Artikolu 15

Awditjar estern mill-Qorti tal-Awdituri

Il-garanzija tal-UE u l-ħlasijiet u l-irkupri fl-ambitu tagħha li jkunu attribwibbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għandhom ikunu vverifikati mill-Qorti tal-Awdituri.

Artikolu 16

Miżuri ta' kontra l-frodi

1. L-EIB għandu jinforma lill-OLAF immedjatament meta, fi kwalunkwe stadju tal-preparazzjoni, l-implimentazzjoni jew l-għeluq tal-proġetti suġġett għall-garanzija tal-UE, jindividwa każ potenzjali ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li jistgħu jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.

2. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999, ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' kwalunkwe operazzjonijiet ta' finanzjament.

Artikolu 17

Eżerċizzju tad-delegazzjoni

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 4 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum

ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat addottat skont l-Artikolu 4 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn mindu tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 18

Reviżjoni ta' nofs it-term

Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'rapport intermedju li jevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fl-ewwel snin, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta għal emenda tiegħu. Ir-rapport għandu jissejjes fuq evalwazzjoni esterna u l-kontribuzzjoni mill-BEI.

Artikolu 19

Rappurtaġġ finali

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Il-President*	*Għall-Kunsill* *Il-President*

ANNESS I

LIMITI REĠJONALI

A. **Il-pajjiżi preadeżjonali:** EUR 8 400 000 000;

B. **Il-pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija:** EUR 12 400 000 000, imqassma fis-sottolimiti indikattivi li ġejjin:

(i) il-pajjiżi Mediterranji: EUR 8 400 000 000;

(ii) l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja: EUR 4 000 000 000;

C. **l-Asja u l-Amerika Latina:** EUR 3 600 000 000, imqassma fis-sottolimiti indikattivi li ġejjin:

(i) l-Amerika Latina: EUR 2 150 000 000;

(ii) l-Asja: EUR 1 200 000 000;

(iii) l-Asja Ċentrali: EUR 250 000 000

D. **l-Afrika t'Isfel:** EUR 600 000 000.

Fi ħdan il-limitu ġenerali fiss, il-BEI għandu jitlob, fejn xieraq, lill-Kummissjoni biex taqbel li talloka mill-ġdid ammont sa 20 % tal-limiti massimi sottoreġjonali fi ħdan ir-reġjuni u sa 10 % tal-limiti massimi reġjonali bejn ir-reġjuni.

ANNESS II

REĠJUNI U PAJJIŻI POTENZJALMENT ELIĠIBBLI

A. **Il-pajjiżi preadeżjonali**

1. *Kandidati*

l-Islanda, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija

2. *Kandidati potenzjali*

l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo

B. **Pajjiżi Ġirien u Msieħba**

1. *Pajjiżi Mediterranji*

l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Palestina, is-Sirja, it-Tuneżija

2. *L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u r-Russja*

l-Ewropa tal-Lvant: il-Belarus, Il-Moldova, l-Ukrajna

il-Kawkasu t'Isfel: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja

Ir-Russja

C. **l-Asja u l-Amerika Latina:**

1. *L-Amerika Latina*

l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Kosta Rika, Kuba, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela.

2. *L-Asja*

l-Afganistan, il-Bangaladexx, il-Butan, il-Brunej, il-Kambodja, iċ-Ċina (inklużi Ħong Kong u r-Reġjuni Amministrattivi Speċjali tal-Makaw), l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq, il-Laos, il-Malasja, il-Maldive, il-Mongolja, il-Mjanmar, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, is-Sri Lanka, it-Tajwan, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen.

3. *L-Asja Ċentrali*

il-Każakistan, il-Kirgisstan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Uzbekistan

D. **L-Afrika t'Isfel**

Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel

ANNESS III

REĠJUNI U PAJJIŻI ELIĠIBBLI

A. **Il-pajjiżi preadeżjonali**

1. *Kandidati*

l-Islanda, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija

2. *Kandidati potenzjali*

l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo

B. **Pajjiżi Ġirien u Msieħba**

1. *Pajjiżi Mediterranji*

l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Palestina, it-Tuneżija

2. *L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u r-Russja*

l-Ewropa tal-Lvant: Il-Moldova, l-Ukrajna

il-Kawkasu t'Isfel: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja

Ir-Russja

C. **l-Asja u l-Amerika Latina:**

1. *L-Amerika Latina*

L-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Veneżwela

2. *L-Asja*

Il-Bangaladexx, il-Brunej, il-Kambodja, iċ-Ċina (inklużi Ħong Kong u r-Reġjuni Amministrattivi Speċjali tal-Makaw), l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq, il-Laos, il-Malasja, il-Maldive, il-Mongolja, il-Mjanmar, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen

3. L-Asja Ċentrali

il-Kazakistan, il-Kirgistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Uzbekistan

D. **L-Afrika t'Isfel**

Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel

ANNESS IV

QAFAS DWAR IL-POLITIKA REĠJONALI

L-attività tal-BEI fil-pajjiżi sħab li jipparteċipaw fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni sseħħ fil-qafas stabbilit fis-Sħubijiet ta' Adeżjoni u dawk Ewropej li ffissaw il-prijoritajiet għal pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, bil-ħsieb li jiġi rreġistrat progress fit-tqarrib lejn l-Unjoni, u li jipprovdu qafas għal għajnuna mill-Unjoni. Il-Proċess ta’ Stabbilizzazzjoni u Assocjazzjoni huwa l-qafas politiku tal-UE għall-Balkani tal-Punent. Dan huwa msejjes fuq sħubija progressiva, li fiha l-Unjoni toffri konċessjonijiet kummerċjali, għajnuna ekonomika u finanzjarja u relazzjonijiet kuntrattwali permezz tal-Ftehimiet ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. L-assistenza finanzjarja preadeżjonali tgħin lill-kanditati u l-kanditati potenzjali jitħejjew għall-obbligi u l-isfidi tal-isħubija fl- Unjoni. Din l-assistenza ssostni l-proċess ta’ riformi, inklużi t-tħejjijiet għall-eventwalità li dawn il-pajjiżi jsiru membri. Hija tiffoka fuq it-tiswir istituzzjonali, il-konformità mal-acquis tal-Unjoni, it-tħejjija għal-linji ta' politika u l-istrumenti tal-Unjoni u l-promozzjoni ta' miżuri biex tintlaħaq il-konverġenza ekonomika.

L-attività tal-BEI fil-pajjiżi tal-Viċinat isseħħ fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat il-ġdida "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni", adottata fil-25 ta’ Mejju 2011 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-20 ta’ Ġunju 2011, li notevolment jitolbu appoġġ akbar għall-imsieħba impenjati fil-bini ta’ soċjetajiet demokratiċi u fit-twettiq ta’ riformi, f’konformità mal-prinċipji "aktar għal aktar" u "responsabbiltà reċiproka" , u jipprovdi l-qafas ta’ politika strateġika għar-relazzjonijiet tal-UE mal-ġirien. Fil-qafas ta' din il-kooperazzjoni, il-finanzjament mill-BEI taħt din id-Deċiżjoni se jkun immirat wkoll lejn linji ta' politika li jippromwovu tkabbir inklużiv u ħolqien ta' impjiegi li jikkontribwixxu għall-istabbilità soċjali f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq l-inċentivi li jappoġġa l-objettivi tal-politika esterna tal-Unjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' migrazzjoni.

Biex tikseb dawn l-għanijiet, l-Unjoni u l-imsieħba tagħha jimplimentaw pjani ta' azzjoni bilaterali maqbula b'mod konġunt li jiddefinixxu sett ta’ prijoritajiet li jinkludi kwistjonijiet politiċi u ta' sigurtà, kwistjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, tħassib ambjentali u soċjali u l-integrazzjoni tan-netwerks tat-trasport u tal-enerġija.

L-Unjoni għall-Mediterran, is-Sħubija tal-Lvant u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, l-Istrateġija tal-Unjoni għar-Reġjun tad-Danubju u l-Istrateġija tal-Unjoni għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, huma inizjattivi reġjonali u multilaterali bil-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-grupp rispettiv ta’ pajjiżi ġirien imsieħba li jiffaċċjaw sfidi komuni jew jaqsmu ambjent ġeografiku komuni. L-Unjoni għall-Mediterran għandha l-għan li tniedi mill-ġdid il-proċess ta' integrazzjoni Ewro-Mediterranja billi tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali konġunt fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran u tappoġġa żvilupp soċjoekonomiku aħjar, is-solidarjetà, l-integrazzjoni reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tiswir tal-għarfien, b’enfasi fuq il-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni finanzjarja għall-appoġġ ta' proġetti reġjonali u transnazzjonali. L-Unjoni għall-Mediterran tappoġġja, b'mod partikolari, il-ħolqien ta' highways marittimi u tal-art, it-tneħħija tat-tniġġis fil-Mediterran, il-pjan għall-enerġija solari fil-Mediterran, l-Inizjattiva għall-Iżvilupp tan-Negozju fil-Mediterran, il-protezzjoni ċivili u l-università Ewro-Mediterranja. L-Istrateġija tal-Unjoni għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku tappoġġa ambjent sostenibbli u żvilupp ekonomiku u soċjali ottimali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku. L-Istrateġija tal-Unjoni għar-Reġjun tad-Danubju tappoġġa, b'mod partikolari, l-iżvilupp tat-trasport, il-konnessjonijiet u s-sigurtà marbutin mal-enerġija, l-ambjent sostenibbli u l-iżvilupp soċjoekonomiku fir-Reġjun tad-Danubju. L-Isħubija tal-Lvant għandha l-għan li toħloq il-kondizzjonijiet neċessarji biex titħaffef l-assoċjazzjoni politika u titkompla l-integrazzjoni ekonomika bejn l-Unjoni u l-pajjiżi msieħba tal-Lvant. Il-

Federazzjoni Russa u l-Unjoni għandhom sħubija strateġika fuq firxa wiesgħa, distinta mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u espressa permezz tal-Ispazji u l-Pjani Direzzjonali Komuni. Dawn huma kkumplementati fil-livell multilaterali mid-Dimensjoni tat-Tramuntana li tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni, ir-Russja, in-Norveġja u l-Islanda (il-Belarus. il-Kanada, l-Istati Uniti huma osservaturi fid-Dimensjoni tat-Tramuntana).

L-attività tal-BEI fl-Amerika Latina sseħħ fil-qafas tas-Sħubija Strateġika tal-Unjoni, l-Amerika Latina u l-Karibew. Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta’ Settembru 2009 "L-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina: Parteċipanti Globali fi Sħubija", il-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni lejn l-Amerika Latina huma t-tħeġġiġ tal-integrazzjoni reġjonali u l-qirda tal-faqar u l-inugwaljanza soċjali ħalli jitħeġġu s-sostenibbiltà ekonomika u l-iżvilupp soċjali. Dawn l-għanijiet ta' politika ser jiġu promossi b'kont meħud tal-livell differenti tal-iżvilupp tal-pajjiżi Latini Amerikani. Id-djalogu bilaterali u l-kooperazzjoni ser jiġu segwiti f’oqsma ta' interess komuni għaż-żewġ reġjuni, inklużi l-ambjent, it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri u l-enerġija, ix-xjenza, ir-riċerka, l-edukazzjoni għolja, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

Il-BEI hu inkoraġġut ikun attiv fl-Asja, b'mod partikolari f'pajjiżi inqas prosperi. F’dan ir-reġjun divers, l- Unjoni qed tapprofondixxi s-sħubija strateġika tagħha maċ-Ċina u l-Indja u qed isir progress fin-negozjati biex jissawru ftehimiet ġodda ta' sħubija u kummerċ ħieles mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja. Fl-istess waqt, il-kooperazzjoni fl-iżvilupp għadha punt importanti fl-aġenda tal-Unjoni mal-Asja; l-istrateġija għall-iżvilupp tal-UE għar-reġjun Asjatiku għandha l-għan li teqred il-faqar billi tappoġġa tkabbir ekonomiku sostenibbli fuq sisien wesgħin, tippromwovi ambjent u kondizzjonijiet li jwasslu għal kummerċ u integrazzjoni fir-reġjun, issaħħaħ il-governanza, iżżid l-istabbiltà politika u soċjali, u tappoġġa l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju għall-2015. Qed jiddaħħlu fis-seħħ b’mod konġunt politiki li jindirizzaw sfidi komuni, bħat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà u l-istabilità, il-governanza u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u umanitarji u r-rispons għalihom.

L-istrateġija tal-UE għal sħubija ġdida mal-Asja Ċentrali adottata mill-Kunsill Ewropew f’Ġunju 2007 saħħet id-djalogu reġjonali u bilaterali u l-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fir-rigward ta’ kwistjonijiet ewlenin li jħabbat wiċċu magħhom dan ir-reġjun, bħat-tnaqqis tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u l-istabbiltà. L-implimentazzjoni tal-istrateġija wasslet għal avvanzi importanti fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-demokrazija, l-edukazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ u l-investiment, l-enerġija u t-trasport u l-linji ta' politika ambjentali.

L-attività tal-BEI fl-Afrika t'Isfel isseħħ fil-qafas tad-Dokument Konġunt ta' Strateġija tal-Unjoni għal-Pajjiż għall-Afrika t'Isfel. L-oqsma ewlenin identifikati f’dak id-Dokument ta' Strateġija huma l-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapaċità biex jitwasslu s-servizzi u l-koeżjoni soċjali. L-attivitajiet tal-BEI fl-Afrika t’Isfel seħħew f’kumplementarjetà għolja mal-programm ta’ kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE jiġifieri permezz tal-attenzjoni li l-BEI ta lill-appoġġ għas-settur privat u l-investimenti fl-espansjoni tal-infrastruttura u s-servizzi soċjali (id-djar, il-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-purifikazzjoni tal-ilma għax-xorb u l-infrastruttura muniċipali). L-analiżi ta’ nofs it-terminu tad-Dokument ta' Strateġija tal-Unjoni għal-Pajjiż fir-rigward tal-Afrika t'Isfel li twettqt fl-2009-2010 pproponiet it-tisħiħ tal-azzjonijiet fil-qasam tat-tibdil fil-klima permezz ta' attivitajiet li jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi. Għall-perjodu 2014-2020, l-attività tal-BEI hija mistennija tappoġġja b’manjiera kumplimentari il-politiki, il-programmi u l-istrumenti ta' kooperazzjoni esterna tal-UE billi tkompli tiffoka fuq il-prijoritajiet ewlenin bejn l-UE u l-Afrika t’isfel sabiex jiġi promoss żvilupp ekwu u sostenibbli, isir kontribut fil-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapaċità, u tappoġġja l-għoti sostenibbli u l-aċċess ġust għall-infrastruttura u s-servizzi bażiċi

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika konċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta’ ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew għall-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament b'appoġġ għal proġetti ta' investiment barra l-UE.

1.2. Il-qasam/l-oqsma ta’ politika konċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[18]

Qasam tal-politika: It-Titolu 01 – L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività tal-ABB: L-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **ma’ azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[19]

X Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni indirizzata mill-ġdid għal azzjoni ġdida**

1.4. L-għanijiet

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

L-għan ġenerali tal-attività tal-BEI barra l-Unjoni taħt il-mandat estern huwa li jingħata appoġġ għall-politiki esterni tal-Unjoni billi jiġu ffinanzjati proġetti ta’ investiment rilevanti fil-pajjiżi msieħba permezz ta’ kombinazzjoni tat-tlaqqigħ tal-baġit tal-UE mar-riżorsi proprji tal-BEI.

Permezz tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament tiegħu barra l-Unjoni koperti mill-garanzija tal-UE, il-BEI għandu jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-Unjoni fil-pajjiżi msieħba, u s-sħubija tagħhom mal-Unjoni.

L-għanijiet ġenerali li l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI għandhom ifittxu taħt il-mandat huma dawn:

(a) l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs.

(b) l-iżvilupp ta’ infrastruttura soċjali, ambjentali u ekonomiċi;

(c) il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attività/ajiet ABM/ABB konċernata/i

Għan speċifiku ABM Nru 2: “It-titjib tal-profil tal-UE, ir-rappreżentazzjoni u l-kooperazzjoni esterna tagħha mal-BEI u mal-BERŻ, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn u l-fora ekonomiċi rilevanti maħsuba biex tissaħħaħ il-konverġenza bejn l-istrateġiji u l-ħidmiet tagħhom u l-prijoritajiet esterni tal-UE”.

18 ABM: Maniġment Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.

19 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Attività/attivitajiet ABM/ABB konċernata/i It-Titolu 01.03 – L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali

1.4.3. Ir-riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt

Twettqet valutazzjoni tal-impatt flimkien ma' din il-proposta. L-impatti prinċipali tal-proposta ġew ivvalutati fir-Rapport VI.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Il-BEI żviluppa qafas biex jitkejlu r-riżultati u l-impatti tal-operazzjonijiet tal-BEI permezz ta' monitoraġġ operazzjonali ta' sett ta' indikaturi. Il-"Qafas ta' Kejl tar-Riżultati (REM)[20] itejjeb il-valutazzjoni ex-ante tar-riżultati tal-proġett mistennija u jsaħħaħ il-ħila tal-BEI li tirrapporta dwar ir-riżultati reali miksuba. Il-qafas tar-REM iservi biex juri kif is-self mill-BEI jiġġenera outputs, li jippermettu r-riżultati u maż-żmien iwasslu għal impatti, li jkunu skont l-għanijiet tal-mandat tal-Bank.

Barra minn hekk, il-progress lejn għanijiet speċifiċi u operazzjonali tal-proposta se jkunu mmonitorjati permezz ta' indikaturi ewlenin kif indikat f'2.1.

Fir-rigward tal-finanzjament għal proġetti li jippromwovu azzjoni klimatika, l-eliġibbiltà għal operazzjonijiet tat-tibdil fil-klima jkunu kkjarifikati kontra kriterji maqbula li jibnu fuq - u, jekk meħtieġ, l-issikkar - ta' definizzjonijiet eżistenti tal-BEI biex tkun immonitorjata n-nefqa relatata mat-tibdil fil-klima (eż. l-introduzzjoni ta' parametri referenzjarji relatati ma' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, titjib jekk xieraq fid-definizzjonijiet għall-effiċjenza tal-enerġija u l-adattament), li mbagħad jistgħu jintużaw ukoll fil-fażi ta' monitoraġġ għall-"operazzjonalizzazzjoni" tar-Rio marker jew sistema ekwivalenti kif proposta mill-Kummissjoni biex tittraċċa l-baġit tal-UE skont il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss.

Fl-istess ħin, il-BEI għandu jibqa' jiżviluppa metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskju marbut mal-klima sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-klima għall-operazzjonijiet rilevanti kollha, u l-ipprezzar tal-karbonju jiġi integrat f'analiżi ekonomika tal-benefiċċju tal-ispiża. L-eliġibbiltà u l-kriterji ristrettivi għall-proġetti li għandhom livell għoli ħafna ta' karbonju għandha wkoll tittejjeb f'politiki settorjali relevanti.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħqu fuq medda qasira jew twila ta' żmien

L-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 1080/2011/UE jistqarr li l-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għall-istabbiliment tal-garanzija tal-UE skont il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2014-2020).

Skont it-termini tad-Deċiżjoni 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-garanzija tal-UE tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI iffirmati bejn l-1 ta' Frar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2013. Għalhekk, għandha tiġi adottata deċiżjoni ġdida taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja qabel ma jiskadi l-mandat attwali[21].

---

20 http://www.eib.org/projects/cycle/monitoring/rem.htm

21 Ta' min jinnota li jekk mal-iskadenza tal-mandat tal-31 ta' Diċembru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jkunux adottaw deċiżjoni li tagħti garanzija ġdida tal-UE lill-BEI għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra l-Unjoni, id-Deċiżjoni 1080/2011/UE tipprevedi li dak il-perjodu għandu awtomatikament jiġġedded b'sitt xhur.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI barra l-Unjoni jirrappreżentaw għodda ferm viżibbli u effettiva b'appoġġ għall-azzjoni esterna tal-Unjoni. Il-benefiċċji prinċipali tal-intervent tal-BEI f'pajjiżi bħal dawn, lilhinn mill-kontribuzzjoni finanzjarja, tinkludi li l-għoti tal-għarfien espert lill-promoturi tal-proġetti u l-applikazzjoni tal-istandards ambjentali, soċjali u ta' akkwist tal-UE għall-proġetti ffinanzjati. Flimkien mal-benefiċċji li jissemmew aktar 'il fuq, il-BEI jgħaddi b'mod sħiħ il-vantaġġi finanzjarji li jirriżultaw mill-garanzija tal-UE u l-ispejjeż attraenti tal-finanzjament tal-BEI lill-benefiċjarji finali fil-forma ta' rati ta' interessi kompetittivi.

Il-mandat taħt il-kopertura tal-garanzija tal-UE jipprovdi s-sostenn politiku u finanzjarju neċessarju tal-Unjoni għal pajjiżi u għal proġetti ta' investiment li normalment ma joqogħdux fil-linji gwida u fil-kriterji standard tal-BEI minħabba r-riskju ogħla.

1.5.3. *It-tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) ippreparat għal din id-Deċiżjoni jieħu mil-lezzjonijiet miksuba bl-implimentazzjoni tal-mandati preċedenti. Il-proposta leġiżlattiva l-ġdida timmira li tindirizza l-problemi identifikati fir-rapport tal-VI.

1.5.4. *Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra*

L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI se jikkomplementaw l-attivitajiet imwettqa taħt l-istrumenti ta' għajnuna esterna. Sabiex jiżdied aktar is-sostenn għall-politiki esterni tal-Unjoni f'kull reġjun speċifiku, il-konnessjoni bejn il-prijoritajiet tal-BEI u l-politiki tal-Unjoni se tissaħħaħ. Dan se jinkiseb billi jiġu stabbiliti u aġġornati f'nofs terminu l-linji gwida operattivi tekniċi reġjonali li se jipprovdu qafas aktar b'saħħtu għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni. Fejn xieraq, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI jistgħu jkunu kkombinati b'mod utli mar-riżorsi baġitarji tal-UE fil-forma ta' appoġġ għotjiet ta' finanzjament, kapital ta' riskju, kondiviżjoni tar-riskju jew għajnuna teknika għall-preparazzjoni ta' proġetti u għall-implimentazzjoni jew it-titjib tal-qafas legali u regolatorju.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

x Proposta/inizjattiva ta’ tul ta’ żmien limitat

– x Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

L-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI jistgħu jiġu ffirmati mill-BEI mill-2014 sal-2020. Hija prevista estensjoni ta' sitt xhur jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jadottawx deċiżjoni li tagħti garanzija ġdida tal-UE lill-BEI għall-operazzjonijiet ta’ finanzjament tiegħu barra mill-Unjoni sa tmiem l-2020.

– x Impatt finanzjarju minn 2014 sa mhux definit

It-tul ta’ żmien totali tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju tagħha se jiġu ddeterminati mill-maturità tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI ffirmati. L-impatt finali se jkun jiddependi fuq l-ammont ta’ talbiet potenzjali u l-irkupru (ara wkoll il-punt 3.2.2 hawn taħt).

☐ (Proposta/inizjattiva ta’ **tul ta' żmien illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta’ bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Il-metodu(i) ta’ ġestjoni previst(i)[22]

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

Kummenti
B’konformità mad-dispożizzjonijiet eżistenti, il-proposta tipprevedi li l-BEI jiffinanzja l-proġetti tal-investiment skont ir-regoli u l-proċeduri tiegħu. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-ġestjoni tal-garanzija tal-UE. Il-BEI u l-Kummissjoni jidħlu fi ftehim ta' garanzija u rkupru li jistabilixxi dispożizzjonijiet u proċeduri dettaljati rigward l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni proposta.

22 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI koperti mill-garanzija tal-UE se jkunu ġestiti bir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi miżuri xierqa ta' verifika, kontroll u monitoraġġ.

Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi tal-BEI, fejn il-Kummissjoni hija rrappreżentata minn Direttur u minn Direttur li jalterna, japprova kull operazzjoni ta' finanzjament tal-BEI u jimmonitorja li l-BEI huwa ġestit skont l-Istatut tiegħu u skont id-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-ftehim bejn tliet partijiet ta' bejn il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-BEI ta' Ottubru 2003, (li fuqu kien hemm qbil li jiġġedded għal perjodu ieħor ta' erba' snin fl-2007 u għal darb'oħra fl-2011, jagħti d-dettalji dwar ir-regoli, li skonthom ol-Qorti tal-Awdituri għandha twettaq il-verifiki tagħha fuq l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI taħt ġaranzija tal-UE.

Huma previsti rapporti regolari fil-proposta bħal fid-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE. Il-Kummissjoni se tirrapporta kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-mandat mill-BEI lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-rappurtaġġ dwar ir-riżultati se jkun ibbażat fuq aggregazzjoni xierqa ta' indikaturi madwar il-portafoll kollu fejn dan ikun possibbli, jew madwar settur partikolari. Dawn l-indikaturi se jitkejlu matul iċ-ċiklu tal-proġett fil-livell tal-valutazzjoni u matul il-monitoraġġ sakemm il-proġett ikun implimentat bis-sħiħ malli l-ewwel riżultati fl-iżvilupp ikunu jistgħu jitkejlu - tipikament sa tliet snin wara t-tlestija tal-proġett. Dawn għandhom, sa fejn ikun possibbli, jintużaw ukoll għall-valutazzjoni ex-post. Dawn l-indikaturi għandhom ikopru l-oqsma li ġejjin: i) l-ammont iffirmat skont ir-reġjun, ii) l-ammont imħallas skont ir-reġjun, III) il-progress għall-kisba ta' distribuzzjoni bilanċjata ta' attività skont il-pajjiż, iv) id-disaggregazzjoni tal-attività fid-diversi għanijiet, v) il-volum ta' self marbut mat-tibdil fil-klima kontra l-finanzjament fil-mira u l-impatt fuq it-tnaqqis fl-emissjonijiet assoluti u relattivi tal-gassijiet serra , vi) in-numru ta' proġetti vvalutati kontra r-riskju marbut mal-klima, VII) in-numru u l-ammont ta' operazzjonijiet imħallta ma' għotjiet tal-UE, u VIII) in-numru u l-ammont ta' operazzjonijiet kofinanzjati ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra.

Barra minn hekk, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'dejta statistika, finanzjarja u kontabilistika dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta' finanzjament koperti mill-garanzija tal-UE skont kif ikun neċessarju biex iwettaq id-doveri ta' rapportar tiegħu jew sabiex jissodisfa t-talbiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u għandu jipprovdi wkoll ċertifikat tal-awditur dwar l-ammonti pendenti tal-operazzjonijiet ta' finanzjament koperti.

Se ssir analiżi ta' nofs it-terminu wara tliet snin mill-bidu tal-mandat.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Ir-riskju għall-baġit tal-UE huwa marbut mal-garanzija tal-baġit mogħtija mill-Unjoni lill-BEI għall-operazzjonijiet tiegħu f'pajjiżi terzi. Il-garanzija tipprovdi kopertura komprensiva għall-ħlasijiet kollha li ma jaslux għand il-BEI taħt operazzjonijiet sovrani u subsovrani u biss kopertura għar-riskju politiku għal

operazzjonijiet oħra permezz ta’ kondiviżjoni tar-riskju bejn l-Unjoni u l-BEI. Fi kwalunkwe każ, il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-krediti li jinħarġu u tiggarantixxi r-rimborż ta' ammonti mnaqqsa, u l-kwantitajiet relatati l-oħra kollha.

Ir-reġistrazzjoni baġitarja (“p.m.”) li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-self mill-BEI lil pajjiżi terzi se tiġi attivata biss fil-każ ta' sejħa effettiva fuq il-garanzija mill-BEI li ma tkunx tista' tiġi koperta b'mod sħiħ mill-Fond ta' Garanzija. Għalkemm tali rikors għall-baġit (jiġifieri lilhinn mill-Fond ta’ Garanzija tammonta għal EUR 2,002 mn fil-31 ta’ Diċembru 2012) huwa meqjus bħala improbabbli ħafna, il-kummenti assoċjati mal-linja baġitarja jirriflettu l-ħtiġijiet finanzjarji li jistgħu jirriżultaw f’każ ta’ talba għall-ħlas mill-BEI dwar inadempjenza koperta mill-garanzija tal-UE.

Fl-2012 u fil-bidu tal-2013, il-Fond ta’ Garanzija ntalab ikopri inadempjenzi fuq is-self fis-Sirja. Fir-rapporti annwali mill-Kummissjoni lill-PE u lill-Kunsill dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali, l-indikaturi tar-riskju tal-pajjiżi huma analizzati u juru l-evoluzzjoni tar-riskju ta’ inadempjenzi. Ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti kwantitattivi tar-riskju mittieħed mill-baġit tal-UE. Minkejja dan, il-kwalità tar-riskji, li tiddependi mit-tip ta’ operazzjoni u mill-qagħda ta’ min qed jissellef. Il-valutazzjoni tar-riskju fir-rapport hija bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-qagħda ekonomika u finanzjarja, il-klassifika u fatti oħra magħrufin tal-pajjiżi li rċevew self iggarantit.

2.2.2. *Metodu/i ta’ kontroll previst(i)*

Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-ġestjoni tal-garanzija tal-UE. L-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-EIB fil-kuntest tad-Deċiżjoni proposta se jitwettqu skont ir-regoli ta’ proċedura standard u l-prattika bankarja soda tal-BEI Il-BEI u l-Kummissjoni jidħlu fi ftehim li jistabilixxi dispożizzjonijiet u proċeduri dettaljati rigward l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni proposta. Ara wkoll it-taqsima 2.1.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Il-BEI għandu r-responsabbiltà ewlenija li jadotta l-miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi permezz tal-applikazzjoni għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-"Politika tal-BEI dwar il-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tal-Korruzzjoni, il-Frodi, il-Kollużjoni, il-Ġegħil, il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu fl-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment" li qiegħed jiġi rivedut bħalissa. F’Diċembru 2010, il-BEI adotta politika lejn ġurisdizzjonijiet mhux trasparenti, mhux kooperattivi u rregolati b’mod dgħajjef.

Barra minn hekk, l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni jipprevedi l-implimentazzjoni ta’ miżuri kontra l-frodi.

3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit affettwata/i

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestaturi tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni……………………...……….]	Diff./non-diff. (23)	mill-pajjiżi tal-EFTA[24]	mill-pajjiżi kandidati[25]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
4.	01.0305 Il-garanzija tal-UE għas-self u l-garanziji għal self tal-BEI għall-operazzjonijiet f'pajjiżi terzi	Differenzjat	LE	LE	LE	LE
	01.0306 Il-forniment tal-Fond ta' Garanzija	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

23 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/ = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

24 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

25 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	Numru	Intestatura 4

DĠ: ECFIN			Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	**2018-2020**			**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
In-numru tal-linja baġitarja 01 0305	Impenji	(1)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
	Pagamenti	(2)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
In-numru tal-linja baġitarja 01 0306	Impenji	(1a)	58.482	239.759	272.664	199.039	178.055	159.750	84.820	1192.569
	Pagamenti	(2 a)	58.482	239.759	272.664	199.039	178.055	159.750	84.820	1192.569
Appropriations of an administrative nature financed mill-pakkett għal programmi speċifiċi[26]										
In-numru tal-linja baġitarja 01 0306		(3)	0	0	0.5	0.	0	0	0	0.5
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DĠ ECFIN	Impenji	=1+1a +3	58.482	239.759	273.164	199.039	178.055	159.750	84.820	1193.069
	Pagamenti	=2+2a	58.48	239.7	273.1	199.0	178.0	159.7	84.82	1193.069

[26] L-għajnuna u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

		+3	2	59	64	39	55	50	0	

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	58.48 2	239.7 59	272.6 64399	199.0 39	178.0 55	159.7 50	84.82 0	1192.569
	Pagamenti	(5)	58.48 2	239.7 59	272.6 64	199.0 39	178.0 55	159.7 50	84.82 0	1192.569
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-qafas finanzjarju għal programmi speċifiċi		(6)	0	0	0.5	0	0	0	0	0.5
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	58.48 2	239.7 59	273.1 64	199.0 39	178.0 55	159.7 50	84.82 0	1193.069
	Pagamenti	=5+ 6	58.48 2	239.7 59	273.1 64	199.0 39	178.0 55	159.7 50	84.82 0	1193.069

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	" Nefqa amministrattiva "

EUR miljun

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	2018-2020			TOTAL
DĠ: ECFIN									
• Riżorsi umani		0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	6.419
• Infiq amministrattiv ieħor									
TOTAL DĠ ECFIN	Approprjazzjonijiet	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	6.419

TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(impenji totali = pagamenti totali)	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	6.419

EUR miljun

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	2018-2020			TOTAL
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	59.399	240.676	274.081	199.956	178.972	160.667	85.737	1199.488
	Pagamenti	59.399	240.676	274.081	199.956	178.972	160.667	85.737	1199.488

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali
- X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (sa 3 punti deċimali)

Indika objettivi u riżultati ⇩			Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		2018-2020						TOTAL	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta’ output[27]	Spiża medja tal-output	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru	Spiża	Numru totali ta’ outputs	Spiża totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[28]...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2"It-titjib tal-profil tal-UE, ir-rappreżentazzjoni u l-kooperazzjoni esterna tagħha mal-BEI u mal-BERŻ, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn u l-fora ekonomiċi rilevanti maħsuba biex tissaħħaħ il-																		

[27] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu fornuti (e.g.: in-numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[28] Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi...”

konverġenza bejn l-istrateġiji u l-ħidmiet tagħhom u l-prijoritajiet esterni tal-UE”.																		
- Output			1	58.482	1	239.759	1	272.664	1	199.039	1	178.055	1	159.750	1	84.820	7	1192.569
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
SPIŻA TOTALI				58.482		239.759		272.664		199.039		178.055		159.750		84.820		1192.569

L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi jista' jitqassar kif ġej:

- 01 0305 - "Garanzija tal-KE għal-self tal-BEI u garanziji fuq self għal operazzjonijiet f’pajjiżi terzi"

Ir-reġistrazzjoni baġitarja (“p.m.”) li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-self mill-BEI lil pajjiżi terzi se tiġi attivata biss fil-każ ta' sejħa effettiva fuq il-garanzija li ma tkunx tista' tiġi koperta b'mod sħiħ mill-Fond ta' Garanzija.

- 01 0306 - "il-Forniment tal-Fond ta’ Garanzija"

Il-Fond ta’ Garanzija għal azzjonijiet esterni għandu jiġi fornit skont ir-Regolament tal-Fond ta’ Garanzija. (Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009). B'mod konformi ma’ dan ir-Regolament, is-self jiġi fornut abbażi tal-ammont pendenti fl-aħħar tas-sena. L-ammont ta' forniment huwa kkalkolat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont fil-mira (9 % tal-ammont pendenti) u l-assi netti tal-Fond fi tmiem is-sena “n-1”. Dan l-ammont ta’ forniment jiġi introdott fis-sena “n” fil-baġit preliminari “n+1” u effettivament imħallas fi tranżazzjoni waħda fil-bidu tas-sena “n+1” mil-linja baġitarja 01 0306).

Il-Fond ta’ Garanzija jkopri wkoll Għajnuna Makrofinanzjarja u self tal-Euratom li ma jaqgħux fl-ambitu tad-Deċiżjoni proposta. Għaldaqstant, il-ħtiġijiet baġitarji stmati jqisu l-operazzjonijiet iffirmati eżistenti kif ukoll operazzjonijiet potenzjali ġodda skont dawn iż-żewġ attivitajiet. Il-ħtiġijiet annwali effettivi għall-forniment tal-Fond ta’ Garanzija fl-2014-2020 jiddependi fl-aħħar mill-aħħar mir-ritmu attwali tal-firem, l-iżborsamenti u r-rimborżi tas-self fuq it-tliet attivitajiet, kif ukoll l-evoluzzjoni tal-assi tal-Fond ta’ Garanzija.

It-tabella ta’ hawn taħt turi l-attivitajiet ta' azzjoni esterna mistennija koperti mill-Fond ta’ Garanzija għall-perjodu bejn l-2012 u l-2020 (volum ta’ firem u żborsamenti tas-self).

Attivitajiet ta' azzjoni esterna koperti mill-Fond ta' Garanzija u l-assi tal-Fond ta' Garanzjia 2012-2020 (EUR ml)

		2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
(A)	Volum indikattiv ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ffirmati (Id-Deċiżjoni l-Ġdida 2014-2020 – Total tal-limitu fiss = EUR 25 000 miljun)	3 959	4 450	3 600	3 600	3 600	3 550	3 500	3 550	3 550
(B)	L-ammont żborsati pendenti tal-operazzjonijiet tal-BEI bbażati fuq l-iżborsamenti u l-ammortizzazzjonijiet stmati (Deċiżjonijiet antiki u ġodda)	22 526	25 826	29 098	31 685	34 024	35 600	37 187	38 274	39 533
(C)	L-ammont żborsat pendenti ta' operazzjonijiet oħrajn bbażati fuq l-iżborsamenti u l-ammortizzazzjonijiet stmati (MFA+Euratom)	573	1 310	2 187	2 266	2 336	2 204	1 725	1 230	907
(D) = (B) + (C)	Ammont pendenti żborsat totali bbażat fuq l-iżborsamenti u l-ammortizzazzjonijiet	23 099	27 136	31 285	33 951	36 360	37 804	38 912	38 504	40 440

Noti: (C) Dawn iċ-ċifri jinkludu self tal-MFA u tal-Euratom ġodda possibbli.

Filwaqt li l-volumi ta' self għandhom ikunu kompatibbli mal-forniment kumplessiv previst għall-Qafas Finanzjarju, il-ħtiġijiet annwali għall-forniment tal-Fond ta' Garanzija jista' jvarja minħabba li dawn eventwalment jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' ammont żborsati pendenti totali fl-aħħar tas-sena n-2. Jekk il-ħtiġijiet annwali f'xi sena fil-ġejjieni jaqbżu l-ammont ta' forniment previst għat-tali sena, il-kontribuzzjoni addizzjonali se tiġi prinċipalment minn riallokazzjoni mill-istrumenti finanzjarji li jinkorporaw l-ipprogrammar ġeografiku, speċjalment fil-każ tal-attivazzjoni tal-limitu addizzjonali opzjonali. L-impatt baġitarju tal-attivazzjoni possibbli tal-limitu addizzjonali opzjonali se jkollu jiġi kkalkulat skont it-tbassir aġġornat dwar il-ħtiġijiet ta' forniment fil-mument tar-reviżjoni ta' nofs it-term.

Il-ħtiġijiet mistennija għal 2014-2020 jqisu l-impatt tas-sejħiet eżistenti dwar self mhux irkuprat Sirjan li seħħew fl-2012 u fil-bidu tal-2013, kif ukoll sejħiet mistennija ulterjuri matul is-sentejn wara l-adozzjoni ta' din il-proposta, jekk is-sitwazzjoni ta' inadempjenza tippersisti matul dawn is-snin. Madankollu, dawn ma jikkunsidrawx il-ħtiġijiet baġitarji eċċezzjonali bħal inadempjenzi possibbli ulterjuri fuq ħlasijiet minn benefiċjarji ta' self oħrajn li jistgħu jseħħu, jew l-aġġustamenti tal-istima tal-assi tal-Fond. Huwa diffiċli li wieħed jistima n-nuqqasijiet potenzjali tal-ħlasijiet. Għandu jitfakkar li skont ir-Regolament tal-Fond ta' Garanzija, ir-rikostituzzjoni tal-Fond hija nefqa obbligatorja li f'każ ta' inadempjenzi mhux mistennija, tkun tirrikjedi r-rikors għal riżorsi oħrajn tal-Intestatura Nru 4.

Madankollu, ir-rapporti semiannwali tal-Kummissjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali jippermettu li jiġu meqjusa r-riskji massimi koperti mill-baġit (cf. ir-rapport [COM(2013)211 u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah SWD(2013)130 - Is-sitwazzjoni fit-30 ta' Ġunju 2012]).

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2017**	**2018-2020**			**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	6.419
Infiq amministrattiv ieħor								
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	0.917	6.419
Barra l-INTESTATURA 5[29] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva			0.500					
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.917	0.917	1.417	0.917	0.917	0.917	0.917	6.919
TOTAL	0.917	0.917	1.417	0.917	0.917	0.917	0.917	6.917

29 L-għajnuna u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (il-linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani addizzjonali, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa mhux aktar minn ċifra waħda wara l-punt deċimali

	Sena **2014**	Sena **2015**	Sena **2016**	Sena **2016**	**2018-2020**		
• **Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)**							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	7	7	7	7	7	7	7
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• **Persunal estern (Ekwivalenti tal-Unità Full Time: FTE)**[30]							
XX 01 02 01 (AK, INT, ENS mill-"qafas finanzjarju globali")							
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u ENS fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ***ss*** [31] - fil-Kwartieri Ġenerali[32]							
XX 01 04 ***ss*** [31] - fid-delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka diretta)							
Intestaturi tal-baġit oħrajn (speċifika)							
TOTAL	7	7	7	7	7	7	7

Titolu 01.03 – Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jagħmel tajjeb għalihom il-persunal mid-DĠ, li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ntbagħat jaħdem mad-DĠ, flimkien, jekk ikun neċessarju, ma' allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Il-kompiti ewlenin li jirriżultaw mill-proposta huma dawn li ġejjin: - It-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva;

30 AK= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("*Intérimaire*"); JED= "*Jeune Expert en Délégation*" (Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet); AL= Aġent Lokali; ENS = Esperti Nazzjonali Sekondati;

31 Taħt il-limitu ta' persunal estern minn approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

32 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

	- Is-segwitu tal-proċedura leġiżlattiva mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, - Ir-relazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet mal-BEI, notevolment għat-tħejjija tar-rappurtar, il-preparazzjoni u s-segwitu ta' garanzija u l-ftehimiet ta' rkupru, il-linji gwida reġjonali, it-talbiet possibbli għall-garanzija tal-UE, - Segwitu għall-proġetti ta' investiment tal-BEI fil-kuntest tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI, - L-amministrazzjoni tal-proċedura baġitarja annwali u l-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija, - Il-preparazzjoni tar-rappurtar meħtieġ mil-leġiżlazzjoni
Persunal estern	

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– X Il-proposta/l-inizjattiva hija kumpatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[33].

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi it-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
*Speċifika l-korp ta' ko*finanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

[33] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– X Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– X fuq dħul mixxellanju

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[34]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	… daħħal il-kolonni li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Jekk il-Fond ta' Garanzija jisboq l-ammont fil-mira, l-ammont eċċessiv jitreġġa' lura fil-baġit ġenerali.

Il-metodu għall-kalkolu tal-impatt possibbli fuq id-dħul hija deskritta fid-dettall f'parti 3.2.2 hawn fuq dwar il-mekkaniżmu tal-funzjonament tal-Fond ta' Garanzija.

34 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (imposti tad-dwana, dazji taz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.